**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

5 ta' Diċembru 2023

Lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati
u l-President tal-Kumitat Permanenti
għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Bl-email permezz tal-Iskrivan tal-Kamra

Mr Speaker,

**Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet li ilmenti m'għandhomx jiġu investigati**

Fil-15 ta' Ġunju 2023, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Kumitat dwar l-Istandards sabiex jipproponi li fejn dan l-Uffiċċju jiddeċiedi li m'għandux jinvestiga ilment, għandu jkollu s-setgħa li jippubblika d-deċiżjoni tiegħu jekk jidhirlu li dan ikun ġustifikat fiċ-ċirkostanzi u ma jkunx ta' dannu għall-persuna li hija s-suġġett tal-ilment.

Dan l-Uffiċċju jfakkar li filwaqt li **rapport dwar investigazzjoni** normalment jiġi ppubblikat, **deċiżjoni li ilment m'għandux jiġi investigat** ma tiġix ippubblikata. Din il-prattika ġiet stabbilita bi qbil bejn il-Kumitat u l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti, għaliex inħass li dan l-Uffiċċju m'għandux ixandar allegazzjonijiet jekk ma jkunx bi ħsiebu jinvestigahom. L-intenzjoni ta' dan l-arranġament kienet sabiex ma jinħoloqx dannu għall-persuna li l-allegazzjonijiet saru dwarha. Għalhekk, a bażi ta' dik il-prattika, deċiżjoni li ilment m'għandux jiġi investigat tintbagħat biss lill-ilmentatur u normalment ukoll lill-persuna li hija s-suġġett tal-ilment.

Madankollu, illum il-ġurnata, ta' spiss jiġri li l-allegazzjonijiet ikunu diġà fid-dominju pubbliku meta jsir l-ilment, jew inkella l-ilmentatur stess ixandarhom.

Ta' spiss jiġri wkoll li l-ilmentatur jew il-persuna li hija s-suġġett tal-ilment tippubbliċizza d-deċiżjoni ta' dan l-Uffiċċju li l-ilment m'għandux jiġi investigat. Sitwazzjonijiet fejn deċiżjonijiet ta' dan l-Uffiċċju jiġu mxandra b'mod mhux uffiċjali għandhom jiġu evitati, b'mod partikolari għaliex min ixandar id-

deċiżjoni jista' jagħti rendikont selettiv, żbaljat, jew saħansitra qarrieqi kif ġara f'każ riċenti.

Sabiex nersqu lejn aktar trasparenza, dan l-Uffiċċju jipproponi li:

(a) Dan l-Uffiċċju għandu jkollu s-setgħa li jippubblika d-deċiżjoni tiegħu li l-ilment m'għandux jiġi investigat.

(b) Deċiżjoni normalment għandha tiġi ppubblikata billi tittella' fis-sit elettroniku ta' dan l-Uffiċċju. L-Uffiċċju għandu jkollu s-setgħa joħroġ stqarrijiet għall-midja jew iqassam deċiżjoni direttament lill-midja f'każi eċċezzjonali fejn jidhirlu li hu neċessarju biex jevita interpretazzjonijiet żbaljati tad-deċiżjoni.

(c) Ikun fid-diskrezzjoni tal-Uffiċċju li ma jippubblikax deċiżjoni li ilment m'għandux jiġi investigat jekk fil-fehma tiegħu iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, per eżempju f'każi fejn l-allegazzjonijiet ma jkunux ġew imxandra.

Dan l-Uffiċċju jinnota li din il-kwistjoni ilha pendenti quddiem il-Kumitat dwar l-Istandards għal aktar minn ħames xhur, u hu tal-fehma li issa saret urġenti. Għalhekk jitlob li dawn il-proposti jingħataw konsiderazzjoni bikrija mill-Kumitat.

Din l-ittra se tiġi ppubblikata minn dan l-Uffiċċju.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika